MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2011

Numru. 314/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Ronald Mangion**
**John Bartoli**
**Charles Mizzi**
**Terence Mallia**
**Luke Scicluna**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Ronald Mangion ta' 22 sena iben il-mejjet Joseph u Vincenza nee' Vella, mwieled fil-Pieta' fil-5 ta' April 1981 u residenti Nru 83, 'Detroit', Triq San Gorg, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 183281(M) u l-imputat John Bartoli ta' 21 sena iben Antonio u Carmen nee' Falzon mwieled fil-Pieta' fl-4 ta' Ottubru 1982 u residenti fil-fond Nru. 'Avocet' 115, Triq Francesco

Buhagiar, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 567882(M) u l-imputat Charles Mizzi ta’ 18-il sena iben Joseph u Grace nee’ Pullicino, mwieled fil-Pieta’ fis-7 ta’ Awwissu 1985 u residenti Nru 12, Triq Dun Pawl, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 403185(M) u Terence Mallia ta’ 16-il sena iben Carmelo u Carmen nee’ Busuttil imwieled fil-Pieta’ fit-18 ta’ Frar 1988 u residenti Nru. 193, Triq Salvu Zammit, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 135588(M) u l-imputat Luke Scicluna ta’ 15-il sena iben Andrew u Jane nee’ Zerafa, mwieled Pieta’ fl-10 ta’ Novembru 1988 u residenti Nru4 ‘Janand’, Misrah iz-Zaghzagh, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 514088(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

B’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’;

<u>Lil Charles Mizzi, Ronald Mangion, Luke Scicluna, Terence Mallia u John Bartoli;</u>

1. F’dawn l-ahhar xhur, bil-lejl, f’Hal Millieri, limiti taz-Zurrieq, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fis-sit tal-kappella ta’ Hal Millieri, liema propjeta hi ta’ natura jew importanza geologika, paleantologika, arkeologika, arkitettonika, artistika jew storika, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm 500), ghad-dannu tas-Socjeta ‘Din l-Art Helwa’.

2. Fil-lejl ta’ bejn is-16 u 17 ta’ Marzu 2004, f’Hal Luqa, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe’ fuq mutur tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FBC 894, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm 50) ghad-dannu ta’ Clyde Muscat minn Bormla u ta’ Paul Mangion minn Birzebbugia;

3. F’dawn l-ahhar xhur qabel it-2 ta’ April 2004, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, bil-lejl, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ diversi mirja u tabelli tat-

toroq, kif ukoll bus shelters, telephone boxes, qsari u skips, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Luqa, Santa Lucija, Zurrieq, Hal Ghaxaq, Hal Kirkop, Hal Safi u l-Qrendi;

4. Fil-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Marzu 2004, f’Hal Luqa, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ f’ ‘Airport Service Station’ liema hsara teccedi l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi minn Hal Ghaxaq;

5. Fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Marzu 2004 f’Hal Farrug, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ f’’Charvin Press, liema hsara teccedi l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), ghad-dannu ta’ Carmelo Calleja minn San Giljan;

6. Fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Marzu 2004, f’Hal Farrug, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe f’kaxxa tax-xorb, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta’ John Mary Cachia mill-Gudja;

7. Fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Marzu 2004, f’ Hal Farrug, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ f’ ‘Guzi Garage’ liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu ta’ Joseph Busuttil minn Birzebbugia;

8. F’dawn l-ahhar xhur f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehudha b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha

minn meta kienu hekk saru jafu, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Charles Mizzi, Ronald Mangion, Luke Scicluna u Terence Mallia wehidhom;

10. Fl-istess dati f'dawn l-ahhar xhur, u fl-istess hinijiet u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saqu mutur tal-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FBC 894, minghajr ma kienu koperti b'licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew ta l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqew l-istess vettura minghajr ma kellhom licenzja specifikata biex isuqu l-imsemmija vettura;
B'hekk ma kienux koperti b'polza tas-sigurta ghal riskji ta' terzi persuni;

Lil Charles Mizzi, Ronald Mangion, Luke Scicluna u John Bartoli wehidhom;

11. F'dawn l-ahhar xhur, f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti, kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, jew kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sustanza intuzat f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

12. Ikkommettew dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh;

Lil Charles Mizzi, Ronald Mangion u Luke Scicluna, wehidhom:

13. Fil-15 ta' Marzu 2004 bil-lejl, fi Triq Tal-Barrani, limiti ta' Hal Tarxien ikkommettew serq ta' mutur tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FBC 894, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100), hin u xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu

ta’ Clyde Muscat minn Bormla u ta’ Paul Mangion minn Birzebbugia;

<u>Lil Ronald Mangion u Luke Scicluna wahedhom;</u>

14. Fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Frar 2004, f’Hal Luqa, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe’ fuq vettura tal-marka Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni DBF 613, liema hsara teccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta’ Raymond Farrugia mill-Hamrun;

15. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom jew taht il-kontroll taghhom, u kif ukoll zammew arma tan-nar, u cioe’ air rifle tal-marka BSA bin-numru serjali ‘DS39291’, minghajr licenzja mahruga lilhom mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1), 3(1A) u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

16. F’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuni li gew fil-pussess ta’ l-istess arma u munizzjon naqsu minnufih li jaghtu avviz bil-miktub, lill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta l-Artikolu 9 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

17. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlu uzu minn arma tan-nar u cioe’ air rifle tal-marka BSA bin-numru serjali ‘DS39291’ f’post abitat u cioe’ f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru mill-abitat, bi ksur tal-Avviz Legali Nru. 146/93 tal-Ligijiet ta’ Malta;

<u>Lil Ronald Mangion u John Bartoli wehidhom:</u>

18. F’dawn l-ahhar xhur f’diversi inhawi f’dawn il-Gzejjer, ghamlu uzu tal-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni ZUZ 581 u ta’ Diahatsu bin-numru tar-registrazzjoni DAH 276 ghal skopijiet ohra barra minn dawk li huma licenzjati ghalihom, u ghalhekk il-Qorti hi gentilment mitluba li tordna l-konfiska tal-istess vetturi ai favur il-Gvern ta’ Malta.

Lil Charles Mizzi wahdu:

19. Matul l-ahhar tmintax-il xahar ta’ qabel it-2 ta’ April 2004, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, biegh jew xorta ohra ttraffikka fir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollom bhala bazi din ir-raza, u dan ai termini tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil John Bartoli u Charles Mizzi wehidhom:

20. Matul l-ahhar xhur ta’ qabel it-2 ta’ April 2004, f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer f’hinijiet differenti, kellhom fil-pussess taghhom medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy) meta ma kienux awtorizzati kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali Nru. 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, u 40(a) u 120(a), u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

Lil John Bartoli wahdu:

21. F’dawn il-Gzejjer, partikolarment f’San Giljan, f’okkazzjonijiet differenti bejn Jannar 2001 u Dicembru 2002, xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prosittuzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita estera;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex minbarra il-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-istess sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Ronald Mangion wahdu:

22. F’dawn l-ahhar xhur, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer u f’hinijiet differenti, saq vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni ZUZ 581, minghajr ma kien kopert b’licenzja tat-triq mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku;

Bla ma kien kopert b'polza tas-sigurta ghal riskji ta' terzi persuni;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 t'April, 2004 (esebit *a folio* 29 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat l-Ordnijiet  tal-Avukat Generali inseriti a fol. 30 sa 35 mahruga ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120a tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom waqt l-udjenza tas-16 t'April, 2004 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li waqt l-udjenza tal-21 t'Otubru 2010 l-Ufficjal Prosekutur preciza in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala '11' fil-konfronti tal-imputati Ronald Mangion, Luke Scicluna, Charles Mizzi u John Bartoli li din kienet tirrigwarda biss pussess semplici.

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-21 t'Ottubru 2010 l-Ufficjal Prosekutur preciza wkoll li l-imputazzjoni mmarkata bhala '20' mahruga fil-konfronti tal-imputati John Bartoli u Charles Mizzi kienet ukoll tirrigwarda pussess semplici.

Rat li waqt l-istess udjenza tal-21 t'Ottubru 2010 l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni mmarkata bhala '21' addebitata lill-imputat John Bartoli.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat John Bartoli hekk kif registrata waqt l-udjenza tal-21 t'Ottubru 2010 ghall-imputazzjonijiet mmarkati bhala '1' sa '8', ghall-imputazzjoni mmarkata bhala '11' u ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala '18' u '20'. Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta'

Lulju 2011 l-imputat John Bartoli rregistra ammisjoni anki in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘9’.

Rat illi waqt l-udjenza tat-2 ta’ Dicembru 2010 l-Ufficjal Prosekutur preciza in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘19’ addebitata lilll-imputat Charles Mizzi li din l-imputazzjoni kienet tirrigwarda biss pussess semplici

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Ronald Mangion hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-2 ta’ Dicembu 2010 ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala ‘1’, ‘2’, ‘11’, ‘13’, ‘14’, ‘15’, ‘16’, ‘17’ u ‘18’. Semghat l-ammissjoni tal-istess imputat Ronald Mangion hekk kif registrata waqt l-udjenza tal-21 ta’ Lulju 2011 ghall-imputazzjonijiet mmarkati bhala ‘8’ u ‘9’.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati Terrence Mallia u Charles Mizzi hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-12 ta’ Mejju 2011 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Luke Scicluna hekk kif registrata waqt l-udjenza tal-21 ta’ Lulju 2011 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta’ Lulju 2011 l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘12’ mahruga fil-konfronti tal-imputati Mizzi, Scicluna, Mangion u Bartoli.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu addebitati b’sensiela ta’ imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom rigwardanti incidenti ta’ serq, pussess ta’ droga u vandalizmu li sehhew ghall-habta ta’ Frar, Marzu u April 2004 jew fix-

xhur ta’ qabel dawn id-dati. Kif ghadu kemm intqal fil-paragrafi precedenti l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom salv ghall-imputat Ronald Mangion li ma ammettiex l-imputazzjonijiet immarkati bhala ‘3’ sa ‘7’, ‘10’ u ‘22’. Minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz fil-fatt ma jirrizultax li jezistu provi li jorbtu lill-imputat Ronald Mangion lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mar-reati kontemplati fl-imsemmija imputazzjonijiet. Huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imsemmija imputazzjonijiet izda fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ser jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati John Bartoli, Luke Scicluna, Terrence Mallia u Charles Mizzi l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imsemmija mputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputati kollha l-Qorti kkunsidrat l-eta’ zghira taghhom fiz-zmien li huma kkommettew ir-reati li taghhom huma nstabu hatja fejn l-izghar wiehed minnhom, Luke Scicluna kellu biss hmistax il-sena u l-ikbar wiehed fosthom, Ronald Mangion, kellu tnejn u ghoxrin sena. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li mill-fedini penali aggornati tal-imputati Luke Scicluna, Terence Mallia, John Bartoli u Ronald Mangion li gew esebiti b’lejalta’ kbira mill-Ufficjal Prosekutur meta saru s-sottomissjonijiet finali waqt l-udjenza tat-12 ta’ Mejju 2011, li dawn gharfu jaqbdu t-triq it-tajba u ma regghax kellhom problemi mal-gustizzja fil-mori ta’ dawn il-proceduri. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li in vista ta’ dawn ic-cirkostanzi ikun opportun li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti taghhom. In kwantu jirrigwarda l-imputat Charles Mizzi mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta illi fl-14 ta’ Jannar 2008 huwa nstab hati ta’ reat li kkommetta f’April 2006, u cioe’ waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri izda in vista tal-eta’ tieghu fid-data li fiha kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati u anki in vista tal-fatt li huwa dak iz-zmien kellu fedina penali nadifa il-Qorti sejra wkoll tapplika l-

provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu izda dan fil-massimu li tippermetti l-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325, 334, 334A, 261, 262, 263, 267 u 271 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 3(1) u 3(1A), 9 u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Avviz Legali 146/2003 kif ukoll ir-Regolament 30 tal-Avviz Legali 198/1994 l-Qorti ssib lill-imputat Ronald Mangion hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala '1', '2', '8', '9', '11', '13', '14', '15', '16', '17' u '18' migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Ronald Mangion mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn '3' sa '7' u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata bhala '12' stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2011.

Wara li rat l-Artikoli 325, 334, 334A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta, kif ukoll ir-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16 tal-Att V tal-1985 u ir-Regolament 30 tal-Avviz Legali 198/1994 l-Qorti ssib lill-imputat John Bartoli hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn '1' sa '9', '11', '18' u '20' u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiliberah bil-kundizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum. Stante li l-imputazzjonijiet immarkati bhala '12' u '21' gew irtirati mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 325, 334, 334A, 261, 262, 263, 267 u 271 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta

u r-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16 tal-Att V tal-1985 l-Qorti ssib lil-imputat Charles Mizzi hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn '1' sa '11', '13' ,'19' u '20' u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata bhala '12' li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 325, 334 u 334A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Terrence Mallia hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn '1' sa '10' migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor sa zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Wara li rat l-Artikoli 325, 334, 334A, 261, 262, 263, 267 u 271 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 8(a) u (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 3(1) u 3(1A), 9 u 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Avviz Legali 146/2003 l-Qorti ssib lill-imputat Luke Scicluna hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn '1' sa '11' u '13' sa '17' migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata bhala '12' migjuba fil-konfronti tal-imputat Luke Scicluna stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati Ronald Mangion, John Bartoli, Charles Mizzi, Luke Scicluna u Terrence Mallia sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba mir-Registratur tal-Qorti ihallsu in kwantu ghal 1/5 kull wiehed (u cioe' s-somma ta' (€206.08) mis-somma ta' Ewro 1030.44 liema

ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni ZUZ 581 u tal-vettura bin-numru tar-regsitrazzjoni DAH 275 tal-marka Daihatsu liema zewg vetturi gew esebiti formalment waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004 kif ukoll tar-rifle tal-marka BSA bin-numru serjali 'DS39291'.

Il-Qorti inoltre qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tar-raza tal-cannabis immarkata bhal Dok. SM10 u esebita waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2004 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Wara li rat in-nota pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2011 u qed tirrevoka l-ordni ta' konfiska maghmulha llum stess in kwantu jirrigwarda l-vettura tal-marka Daihatsu bin-numru tar-registrazzjoni DAH 276.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------